MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Sede Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tas-17 ta' Mejju, 2023

Appell Inferjuri Numru 1/2022 LM

**Luke Caruana (K.I. numru 399187(M))**
**u Ruth Gatt (K.I. numru 086287(M))**
*('l-appellati')*

***vs.***

**Liliana Vella u Delux Bathrooms Limited (C 95885)**
*('l-appellanti')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mill-intimati **Liliana Vella** u **Deluxe Bathrooms Limited (C 95885)** [minn issa 'l quddiem 'l-appellanti'] mid-deċiżjoni mogħtija fis-17 ta' Ġunju, 2022, nru. CCTG10/21/MS [minn issa 'l quddiem 'id-deċiżjoni appellata'], mit-Tribunal Għal Talbiet tal-Konsumatur [minn issa 'l

quddiem ‘it-Tribunal’], li permezz tagħha ddeċieda t-talba tar-rikorrenti **Luke Caruana (K.I. nru. 399187(M))** u **Ruth Gatt (K.I. nru. 086287(M))** [minn issa ’l quddiem ‘l-appellati’] fil-konfront tagħhom, billi kkundannahom *in solidum* sabiex iħallsu s-somma ta’ elfejn disa’ mija tnejn u għoxrin Euro u wieħed u ħamsin ċenteżmu (€2,922.51), bl-ispejjeż.

**<u>Fatti</u>**

2. Il-fatti ta’ din il-kawża jirrigwardaw il-konsenja ta’ diversi *fittings* tal-kamra tal-banju [minn issa ‘l quddiem ‘il-merkanzija’] mis-soċjetà appellanta wara li l-*fittings* li kienu nbiegħu u li ġew ikkonsenjati mill-istess soċjetà appellanta lill-appellati, rriżultaw difettużi u għalhekk hija kienet aċċettat li tibdilomlhom. Kien sar ftehim bejn il-partijiet, fejn l-appellati kienu ngħataw appuntament mis-soċjetà appellanta f’ħin, ġurnata u lok, għall-konsenja tal-merkanzija, iżda dakinhar kienetipposponiet l-appuntament għal iktar tard fl-istess jum. L-impjegati kienu stennew għal xi ħin fil-post miftiehem mal-appellat, u dan wara li ċemplulu u avżawh li huma kienu ser jaslu xi għaxar minuti wara, iżda qabdu u telqu meta raw li l-appellat ma kienx tfaċċja.

**<u>Mertu</u>**

3. L-appellati għalhekk istitwew proċeduri quddiem it-Tribunal fis-16 ta’ Awwissu, 2021 permezz ta’ Avviż tat-Talba, fejn talbu r-rifużjoni tas-somma ta’ €2,922.51, rappreżentanti l-prezz tal-merkanzija.

4. L-appellanti wieġbu fis-26 ta' Jannar, 2022 fejn eċċepew li l-appellat kien naqas milli jmur jiltaqa' mal-impjegati tagħhom għall-konsenja tal-merkanzija.

## Id-Deċiżjoni Appellata

5. It-Tribunal wasal għad-deċiżjoni appellata wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet rilevanti għal dan l-appell:

> *"Ikkunsidra:*
>
> *Illi għal dak li huma l-fatti prinċipali hemm qbil bejn il-partijiet illi ir-rikorrenti xtraw* bathroom fittings *Rose Gold għall-kamra tal-banju mingħand is-soċjetà intimata fl-2018 li kellhom għaxar snin garanzija, u li gew installati fis-sena 2019. Ftit xhur wara, dawn biddlu l-kulur tagħhom. Fir-risposta tagħha, s-soċjetà intimata qed taqbel ma' dak kollu li qalu r-rikorrenti dwar l-istat tal-*mixers *u fil-fatt il-partijiet ftehmu illi dawn kienu ser jinbidlu.*
>
> *Il-problema inqalgħet minħabba t-trapass ta' żmien bejn id-data tal-ilment oriġinali u d-data tal-konsenja ġdida, li effettivament qatt ma wasal għand ir-rikorrent.*
>
> *Illi t-Tribunal ra l-email mibgħut minn Luke Caruana fl-10 ta' Frar tas-sena 2021 u r-risposta ta' Liliana Vella fl-istess ġurnata fejn ammettiet illi kien hemm diversi ilmenti fuq l-istess prodotti u aċċettat illi terġa' tordna l-istess bħalhom. Jidher illi l-ordni saret fit-18 ta' April 2021, u xahrejn wara, f'email datata 21 Ġunju 2021, Liliana Torres tikkonferma illi* "the material is in production" *u tgħid illi dawn il-prodotti jafu jdumu seba' jew tmien gimgħat. Dawn però waslu f'Settembru u l-partijiet ftehmu ġurnata għal konsenja. Ir-rikorrent jgħid illi kellhom jiltaqgħu fit-tmienja ta' filgħodu però s-soċjetà intimata ma żammitx l-appuntament ta' filgħodu u għalhekk ftehmu biex jiltaqgħu wara nofsinhar. Peress illi r-rikorrent kellu jmur għax-xogħol, talabhom biex jagħtuh pre-avviz, almenu ta' nofs siegħa, qabel ma jiġu peress illi hu jaħdem San Ġwann u jgħix il-Kalkara. Ġara illi huma bdew iċemplulu biex jagħmlu l-konsenja u qalilhom biex jistennewh ftit iżda dawn telqu minn fuq il-post. Talabhom ġurnata oħra imma rrifjutaw u qalulu li kellu jitla' Għawdex u li ma kienux disposti jagħtuh ġurnata oħra.*
>
> *Ikkunsidra*

*Illi filwaqt illi t-Tribunal japprezza illi s-soċjetà intimata ippruvat tagħmel il-konsenja dakinhar u fl-aħħar mill-aħħar, kien ir-rikorrent li ttardja, ma jistax ma jikkumentax fuq il-fatt illi s-soċjetà intimata irrifjutat illi teġa' tagħmel* delivery *oħra f'ġurnata oħra. L-ewwel nett, it-Tribunal jidhirlu illi wara li r-rikorrent stenna bil-paċenzja kollha għal tmien xhur jew iktar biex dawn il-prodotti jaslu, s-soċjetà intimata setgħet tistenna imqar siegħa jew sagħtejn, iktar u iktar meta, skont ir-rikorrent, kienet hi li ma żammitx l-appuntament ta' filgħodu u meta kienet taf bis-sitwazzjoni tar-rikorrent. Imma anke kieku, ir-rifjut sħiħ illi tagħmel konsenja oħra mhiex aċċettabbli, iktar u iktar meta r-rikorrent kien nefaq ħafna flus fuq prodotti li wara kollox kienu difettużi. Li kieku ma kienux difettużi, ir-rikorrenti ma kienx ikollu bżonn jistenna konsenja oħra u dan ma kienx jiġri. Customer Care huwa importanti ħafna iktar u iktar wara li jsir il-bejgħ, u fin-nuqqas il-klijent ikollu raġun jagħżel illi ma jkollu x'jaqsam iktar ma' kumpannija illi ma tipprovdix dan is-servizz.*

*Fiċ-ċirkostanzi għalhekk, it-Tribunal jidhrilu illi ġialadarba s-soċjetà intimata irrifjutat illi tikkonsenzja l-oġġetti, għandha tirrifondilu l-prezz sħiħ ta' dak li ħallas. Ir-rikorrenti qegħdin jitolbu l-ammont ta' €2,922.51. Dan l-ammont qatt ma ġie kontestat mis-soċjetà intimata, la fir-risposta tagħha u wisq anqas quddiem dan it-Tribunal. Fil-fatt, ħadd mis-soċjetà intimata ma deher biex jagħti x-xhieda tiegħu u għalhekk il-verżjoni tar-rikorrenti u l-ammont mitlub, hija inkonstestata."*

## <u>L-Appell</u>

6. L-appellanti ppreżentaw ir-rikors tal-appell tagħhom fl-4 ta' Lulju, 2022, fejn qegħdin jitolbu lil din il-Qorti sabiex tħassar u tirrevoka d-deċiżjoni appellata billi minflok tiddeċiedi li huma mhumiex responsabbli għan-negliġenza tal-appellati, u għalhekk m'għandhomx iħallsuhom is-somma ta' €2,922.51, u dan skont dawk il-provvedimenti li jidhrilha xierqa u opportuni. Jgħidu li l-aggravju tagħhom jinsab fil-fatt li d-dewmien sabiex jaslu l-*fittings* minn barra ma kienx attribwibbli lilhom.

**Ir-Risposta tal-Appell**

7. L-appellati wieġbu permezz ta' risposta ntavolata fis-26 ta' Settembru, 2022, fejn issottomettew li l-appell odjern għandu jiġi miċħud u d-deċiżjoni appellata kkonfermata, għal dawk ir-raġunijiet imfissra fl-imsemmija risposta u anki dawk li l-Qorti tista' issib.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

8. Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravji tal-appellanti, flimkien mas-sottomissjonijiet tal-appellati, u dan fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet magħmulin mit-Tribunal fid-deċiżjoni appellata.

9. L-appellanti qegħdin jikkontendu li dewmien fiż-żmien sabiex waslu l-*fittings* minn barra ma kienx attribwibbli lilhom. Jispjegaw li l-fabbrika barra minn Malta ma kellhomx *parts in stock* sabiex jiġu manifatturati *mixers* ġodda. Jgħidu wkoll li anki l-COVID-19 ħoloq il-problemi, kif għamel l-i*strike* fil-fabbrika estera. L-appellanti jispjegaw li l-appellat Caruana kien irċieva kopja tal-korrispondenza mal-fornituri esteri, u dan sabiex huwa jkun avżat mill-ewwel hekk kif jaslu l-imsemmija *mixers.* Jikkontendu li huwa kien jaf bid-dewmien, iżda qatt m'għamel ilment. Ikomplu jispjegaw li meta mbagħad waslu l-*fittings,* l-appellat Caruana kien avżat li l-appuntament li kien ingħata għal filgħodu ma setax isir, u għalhekk sar kuntatt miegħu sabiex l-appuntament jiġi popost. Iżda meta d-*delivery man* mar għall-appuntament ta' filgħaxija kif miftiehem, dan ma sabx lill-appellat Caruana, u d-*delivery man* kien telaq 'l hemm sabiex ikompli bit-tqassim tal-konsenji l-oħra. Għalkemm it-Tribunal iddikjara li d-*delivery man* seta' stenna

imqar siegħa jew sagħtejn, u qal li *"Customer Care huwa importanti ħafna",* l-appellanti jispjegaw li kieku ġara hekk, kienu ser ikollhom jistennew klijenti oħra li żammew il-ħin tal-appuntament tagħhom. Għal dak li qal it-Tribunal dwar il-prodotti difettużi, isostnu li difett ma kienx riżultat tax-xogħol tagħha, iżda dak tas-*suppliers.* Għalhekk huma kienu qablu mal-appellati u ordnaw *mixers* ġodda minnufih, u għamlu minn kollox biex jikkonsenjawhom fl-istess jum. Iżda l-appellat kien tard u saħansitra lanqas ġabar il-konsenja mix-*showroom* tas-soċjetà appellanta. B'hekk ma kienx ġust li huma kellhom isofru għan-negliġenza tal-appellati meta huma kienu għamlu minn kollox biex jaqduhom.

10. Min-naħa tagħhom l-appellati jsostnu li l-appell odjern għandu jiġi miċħud u jiddeskrivuh bħala wieħed frivolu, b'mod li jitolbu lill-Qorti sabiex tapplika d-disposizzjonijiet tas-subartikoli 22(5) u (6) tal-Kap. 378. Jissottomettu li huwa nkontestat il-fatt li l-prodotti in kwistjoni kienu difettużi, iżda l-appellanti jippruvaw jitfgħu r-responsabbilità fuq is-*suppliers* tagħhom, u anki fuq l-appellati stess. Jgħidu li huma xtraw il-prodotti mingħand l-appellanti u mhux mis-*suppliers* tagħhom, u għalhekk l-istess appellanti ma setgħux jixtħu kollox fuq is-*suppliers* li magħhom l-appellati ma kellhom l-ebda relazzjoni kuntrattwali. Filwaqt li jagħmlu riferiment għad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 1125 tal-Kodiċi Ċivili, li jikkontendu jorbtu ma' dawk tal-artikolu 1001 tiegħu, isostnu li dawn tal-aħħar japplikaw kemm fir-rigward tagħhom u anki fir-rigward tas-*supplier.* Jgħidu li fir-rikors tal-appell isir riferiment għal xi *strikes,* iżda prova tagħhom ma saritx. L-istess jgħidu fir-rigward ta' xi problema ta' '*stock'.* L-appellati jissottomettu li r-relazzjoni kuntrattwali hija bejn l-appellanti u huma, u jekk l-appellanti jagħżlu li jitolbu xi danni fil-konfront tas-*supplier* tagħhom, huma ma kienux jidħlu fil-kwistjoni. Huma jiċċitaw favur tagħhom id-disposizzjonijiet tal-

artikolu 73 tal-Kap. 378, liema disposizzjonijiet jgħidu li jgħabbu lill-kummerċjant bir-responsabbiltà lejn il-konsumatur, u anki dawk tas-subartikolu 74(1) tal-istess liġi. L-appellati jissottomettu li huwa tassew ta' għajb li wara li huma kienu nefqu tant flus għal prodott difettuż, u wara li huma kienu stennew tant żmien għal soluzzjoni, l-appellanti qegħdin jippretendu li huma kellhom jakkomodaw lilhom biex jingħata lura l-prodott it-tajjeb. Dan kien juri kif m'għandux ikun *customer care* diċenti, u dan meta l-provi fl-atti kienu juru li dak kollu li qalu l-appellanti ma kienx minnu. Huma mbagħad irrakkontaw kif ġraw l-affarijiet dakinhar li huma kellhom jiltaqgħu mad-*delivery man* sabiex jiġu kkonsenjati l-prodotti. Spjegaw kif dakinhar tal-konsenja, l-appellat Caruana kien stenna d-dar sakemm fit-8.30 ta' filgħodu huwa rċieva telefonata fejn ġie miftiehem li l-imsemmija konsenja kellha ssir wara nofsinhar, b'dana li lill-appellanti qalilhom sabiex javżawh nofs siegħa qabel sabiex mix-xogħol f'San Gwann huwa jilħaq jasal id-dar ġewwa l-Kalkara. Id-*delivery man* kien ċempel fit-3.40 ta' wara nofsinhar u avżah li mill-Fgura huma kienu sejrin il-Kalkara. Meta mbagħad l-appellat Caruana telaq mix-xogħol għall-Kalkara u wasal hemm fl-4.15 ta' waranofsinhar, huwa ma sabx lill-appellanti hemm u ċemplilhom, iżda mingħajr ma rnexxielu jikkomunika magħhom. Meta mbagħad bagħat *email* fl-uffiċċju tal-appellanti, huwa kien ġie nfurmat li l-impjegati kienu xebgħu jistennew u kienu telqu. Huma jagħmlu riferiment għad-disposizzjonijiet tas-subartikolu 75(3) tal-Kap. 378, u jsostnu li mhux biss l-appellanti ftit taw każ l-inkonvenjenza qawwija li ħolqu lill-appellati, iżda huma qegħdin jippruvaw jiġġustifikaw l-aġir tagħhom bħallikieku l-appellat ħoloq inkonvenjenza lilhom stess. Huma jiċċitaw ukoll id-disposizzjonijiet tas-subartikolu 76(1) tal-Kap. 378, u jissottomettu li l-appellanti m'għandhomx raġun

u ċertament is-supervja tagħhom ma kinitx ġustifikata, u saħansitra lanqas m'huwa ġustifikat l-appell odjern.

11. Il-Qorti tikkunsidra li t-Tribunal ġustament għaraf li l-appellat Caruana kien tassew ittardja wara li ċemplulu l-impjegati tas-soċjetà appellanta sabiex jikkonsenjaw il-merkanzija in kwistjoni. Iżda t-Tribunal tajjeb ukoll imbagħad qies il-fatt li s-soċjetà appellanta rrifjutat li tikkonsenja l-imsemmija merkanzija f'data oħra, u dan meta l-appellat Caruana kien stenna bil-paċenzja għal tmien xhur sħaħ jew iktar sabiex tasal il-merkanzija. It-Tribunal kien tal-fehma li s-soċjetà appellanta kellha saħansitra tistenna siegħa jew sagħtejn għat-tieni appuntament li sar mal-appellati, u dan meħud in konsiderazzjoni l-fatt li skont l-appellat Caruana, kienet hi li ma żammitx l-ewwel appuntament ta' filgħodu. Il-Qorti tqis li forsi hawn it-Tribunal esaġera daqsxejn meta ppretenda li l-impjegati tas-soċjetà appellanta kellhom jistennew daqstant ħin twil, sakemm jasal l-appellat Caruana għall-konsenja tal-merkanzija. Iżda din il-Qorti tikkunsidra li ġaladarba kienet is-soċjetà appellanta li ddekadiet mill-obbligu tagħha li tikkonsenja merkanzija tal-kwalità pattwita, li damet daqstant tul ta' żmien sabiex irrimedjat in-nuqqas tagħha, li pposponiet l-ewwel appuntament ta' filgħodu tal-istess jum li fih sar it-tieni tentattiv tal-konsenja, u li l-appellat kien mill-ewwel avża li huwa kellu bżonn il-ħin biex mix-xogħol tiegħu ġewwa San Ġwann jasal fil-post miftiehem għall-konsenja ġewwa l-Kalkara, hija kellha tipposponi l-imsemmija konsenja għal iktar tard fl-istess jum jew għal xi ġurnata u ħin ieħor tajbaukoll għall-appellati. Il-Qorti, meħud in konsiderazzjoni dawn iċ-ċirkostanzi kollha, ma tara l-ebda ġustifikazzjoni fid-deċiżjoni tas-soċjetà appellanta li titlob lill-appellati li jitilgħu Għawdex huma stess sabiex jiġbru l-merkanzija mwegħda.

12. Għaldaqstant ma tikkunsidrax li l-aggravju tal-appellanti għandu mis-sewwa, u tiċħdu.

**Decide**

**Għar-raġunijiet premessi, il-Qorti tiddeċiedi dwar l-appell tal-appellanti billi tiċħdu, filwaqt li tikkonferma d-deċiżjoni appellata fl-intier tagħha.**

**L-ispejjeż tal-proċeduri quddiem it-Tribunal jibqgħu kif deċiżi, u dawk ta' dan l-appell għandhom ikunu a karigu tal-istess appellanti.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**